=

**17 ta' Ġunju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Maria Carmela armla minn Pasquale Schembri

*versus*

Amabile Vassallo

**Azzjoni rivendikatorja — Komproprjetarju — Eżerċizzju ta' — Raba — Kapaċità — Konfini.**

*Il-komproprjetarju għandu d-dritt jeżerċita l-azzjoni rivendikatorja anke fl-assenza tal-komproprjetarji l-oħra.*

*Fid-determinazzjoni tal-estenzjoni tar-raba l-indikazzjoni tal-*

*konfini fil-kuntratti bosta drabi tforni gwida iżjed żgura minn dik tal-kapaċita'.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — wara li tippremetti illi hi tippossjedi l-għalqa li tinsab fil-limiti ta' Ħal Kirkop kontrada ta' l-Iħfar li tmiss mar-raba tal-konvenut; u illi l-konvenut abusivament daħal fir-raba tagħha u ħadem biċċa minnha li tagħti għal fuq is-sqaq, u lili l-konvenut għalkemm iddiffidat biex ma jkomplix jidħol jaħdem din il-biċċa, insista li jrid jkompli jaħdimha, u illi din il-biċċa raba tifforma parti mill-għalqa tagħha fuq imsemmija u għalhekk il-konvenut m'għandux dritt jidħol u jaħdimha; — titlob illi, wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kull provvediment opportun, il-konvenut għar-raġunijiet fuq imsemmija jiġi inibit minn din il-Qorti li jidħol fil-biċċa raba fuq imsemmija u jaħdimha. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut. Salvi kwalunkwe azzjoni għad-danni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi u d-dokumenti minnha prodotti maċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jeċċepixxi illi l-attriċi ma pprovatx li hija proprjetarja tal-fond. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha jeċċepixxi illi f'kull każ kontra t-talba ta' l-attriċi tosta anke l-preskrizzjoni akkwiżita deċennali tiegħu;

Rat id-degriet tal-24 ta' Lulju, 1961, mogħti fil-kors tal-aċċess adoperat mill-Qorti, li bih l-Arkitett u Inġinier Ċivili Gaston Bianchi ġie mogħti l-inkarigi ndikati mill-istess perit fir-relazzjoni;

Rat in-nota tal-konvenut preżentata fl-ewwel (1) ta' Frar, 1962, li biha jiddikjara li biss għall-finijiet ta' din il-kawża ma jinsistix u għalhekk jirrinunzja, għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata, in vista tal-fatt li l-attriċi ma rnexxiliex tipprova li l-biċċa raba in kwistjoni tappartjeni lilha, u lillha esklusivament;

Rat ir-relazzjoni tal-perit ġudizzjarju, li ġiet minnu debitament maħlufa;

Semgħet lix-xhieda, fosthom il-kontendenti, u eżaminat il-proċess verbali tal-aċċess li ġie adoperat fuq il-post fl-24 ta' Lulju, 1961.

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi peress li bin-nota minnu preżentata fl-ewwel (1) ta' Frar, 1962, il-konvenut irrinunzja għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġa minnu sollevata, ma hemmx lok ta' pronunzjament rigward l-istess eċċezzjoni;

Illi jinsab pruvat sodisfaċentement li l-attriċi bħala suċċeditriċi ta' Paolo Grech ħu nannuha Leonardo missier missierha Angelo, hija komposseditriċi b'titolu ta' proprjetà tal-għalqa li qiegħda fil-limiti ta' Ħal-Kirkop fil-kontrada "tal-Iħfar" imsejħa "ta' Libwar", liema għalqa l-imsemmi Paolo Grech kien akkwistaha b'xiri mingħand Giuseppe Formosa fis-16 ta' Awissu, 1888, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Michele Angelo Zammit. L-attriċi tippretendi li l-konvenut abbusivament daħal f'din il-għalqa u ħadem biċċa minnha li tagħti għal fuq sqaq u li għalkemm hi iddiffidatu biex ma jkomplix jidħol fiha, il-konvenut ried ikompli jaħdem din il-biċċa raba.

Il-konvenut xehed li l-biċċa raba in kwistjoni jafha tinħadem mal-għalqa tiegħu; li ma jafx jekk l-istess hu kien xtrahiex jew le ma l-imsemmija għalqa; li l-għalqa tiegħu meta xtraha ma kejjiliex; li din il-għalqa hu kien akkwistaha fit-12 ta' Ġunju, 1935, fl-atti tan-Nutar Francesco Farrugia;

Illi jiġi rilevat mill-ewwel, fuq il-kwistjoni relativa sollevata mill-konvenut, li l-attriċi setgħet tintenta din il-kawża għalkemm hija biss komproprjetarja u mhux proprjetarja assoluta tal-għalqa 'l fuq imsemmija, għaliex anke f'każ ta' azzjoni rivendikatorja, bħalma l-konvenut igħid illi hija l-azzjoni intentata mill-attriċi, "sebbene all'attore rivendicante non spettino che quote indivise del fondo in rivendica, tuttavia, tenuto conto del fatto, che le dette sue quote sono materialmente confuse per indivizione colla restante quota, egli, come comproprietario, ha il diritto nell'interesse della comunione, di avocare dal potere dell'illegittimo possessore, anche la restante quota, e così l'intero fondo sul quale lo stesso possessore illegittimo non ha un diritto qualsiasi, senza essere per tale oggetto affatto necessario che allo stesso attore si fosse unito il comproprietario della quota rimasta" (Borsari, Commento al Cod. Civ. Ital. 2, Cit. 4, para. 1401. Fl-istess sens igħallem il-Ricci (Corso di Diritto Civile, Vol. V tit. 1, cap. 1 n. 12);

Illi l-biċċa raba in kwistjoni mhix ħlief li strixxa art indikata bil-kulur isfar fil-pjanta eżibita fil-fol. 39 tal-proċess. Fl-istess pjanta jinsabu ndikati l-għalqa mhix kontestata ta' l-attriċi bil-kulur aħmar, u dik tal-konvenut bil-kulur aħdar. Biex tirnexxi f'din l-azzjoni minnha intentata, l-attriċi trid tipprova li l-għalqa kif deskritta, meta akkwistaha Paolo Grech bil-kuntratt tas-sena 1888, kienet tikkomprendi l-istrixxa art imsemmija. Għall-finijiet ta' din il-prova l-attriċi ipproduċiet il-kopja legali taż-żewġ kuntratti tal-akkwist tal-għalqa rispettivament magħmul minn Paolo Grech fis-sena 1888 u mill-konvenut

Tas-sena 1935, cioè irriferit għall-kapaċità superfiċjali u l-kontenuti kif deskritti f'dawn il-kuntratti meta l-istess egħlieqi ġew akkwistati;

Illi kieku kienet merament bażata fuq il-kapaċità superfiċjali tal-għalqa ta' l-attriċi meta l-istess ġiet akkwistata, ittesi ta' l-attriċi forsi ma kienitx tkun tista' għal kollox tiġi kunsidrata sodisfaċenti. Infatti, skond il-kuntratt imsemmi tassena 1888, il-għalqa, mhux kontestata, attwalment posseduta kif ingħad mill-attriċi, hija deskritta bħala li għandha l-kejl ta' tomna u siegħ ċirka. Issa, skond ma irrelata l-perit ġudizzjarju din l-għalqa, mhux kontestata, ta' l-attriċi għandha l-kejl ta' ċirka tomna, siegħ u terz ta' kejl, jiġifieri kejl superjuri, għalkemm bi ftit, għal dak indikat fl-imsemmi kuntratt. Kwindi jista' jingħad li mhux possibili li din il-għalqa, meta ġiet akkwistata minn Paolo Grech kienet tikkomprendi li strixxa art in kwistjoni, għaliex f'dan il-każ l-istess għalqa kienet tiġi deskritta li għandha l-kejl ta' almenu tomna u żewġ sigħajn, peress li l-perit ġudizzjarju l-istess strixxa art irrelata li hija tal-kejl ta' ċirka siegħ u żewġ kejliet u nofs. Però dan il-kejl superfiċjali, li jidher li kien jiġi biss kalkolat approssimativament u mhux b'misurazzjonijiet ta' periti agrimensuri ma jidhirx li għandu jagħti ebda affidament suffiċjenti u li kwindi għandu jifforma strettament bażi ta' ġudizzju. *Milli jidher il*-partijiet kontraenti ma kienux tant jibbadaw għal misurazzjonijiet. Bħalma ssemma, il-għalqa, mhux kontestata, tal-attriċi fil-kuntratt imsemmi hija deskritta bħala ta' kejl superfiċjali inferjuri minn dak deskritt mill-perit ġudizzjarju. L-istess ħaġa jista' jingħad rigward il-għalqa tal-konvenut minn dan akkwistata bil-kuntratt tas-sena 1935. F'dan il-kuntratt il-għalqa tal-konvenut hija deskritta bħala tal-kejl ta' ċirka erba titmien, mentri l-kejl superfiċjali tagħha skond il-perit ġudizzjarju huwa superjuri, cioè ċirka erba' titmien, siegħ u seba' kejliet: kif xehed il-konvenut, meta xtraha, din *il-għalqa ma* kejjiliex;

Illi kif ingħad, l-attriċi qiegħda wkoll tirriferi għall-konfini taż-żewġ egħlieqi kif deskritti fil-kuntratt tal-akkwist tagħhom rispettiva b'sostenn tat-tesi pronunzjata minnha u mid-deskrizzjoni ta' dawn il-konfini t-tesi ta' l-attriċi tirriżulta b'mod sodisfaċenti. Infatti, skond il-kuntratt tas-sena 1888 il-għalqa akkwistata minn Paolo Grech ġiet deskritta li hija konfinata mit-Tramuntana, minn sqaq; min-Nofsinhar minn beni tal-Gvern; u mil-Lvant u l-Punent, minn beni ta' sidien mhux magħrufa. Skond il-perit ġudizzjarju l-konfini ta' l-istess għalqa posseduta mill-attriċi, mhux kontestata, huma mit-Tramuntana, in parti ma' l-istrixxa art in kontestazzjoni u in parti mal-għalqa tal-konvenut; mil-Lvant u l-Punent ma raba ta' sidien mhux magħrufa; u min-Nofsinhar, ma raba tal-Gvern. Dan ifisser li l-konfini ta' din il-għalqa, dawk mogħtija fil-kuntratt tas-sena 1888 u l-oħrajn mogħtija mill-perit ġudizzjarju, jikkorrispondu jew aħjar, jikkorrispondu żgur rigward il-konfini tal-Lvant, Punent u Nofsinhar, u wkoll għal dak relattiv għat-Tramuntana imma b'din id-differenza rigward dan l-aħħar konfini li hija l-fulcrum tal-kwistjoni f'din il-kawża fis-sens segwenti. Fil-kuntratt tas-sena 1888 il-konfini tal-għalqa rigward it-Tramuntana huwa mogħti sempliċement bħala "sqaq"; mentri fid-deskrizzjoni mogħtija mill-perit ġudizzjarju dan il-konfini għall-għalqa mhux kontestata, huwa mogħti bħala "in parti sqaq u in parti l-għalqa tal-konvenut": jiġifieri f'dawn il-konfini hemm żgur "sqaq". Huwa evidenti, meta wieħed jeżamina l-pjanta fuq imsemmija li jekk il-għalqa ta' l-attriċi tiġi kunsidrata bħala li tikkomprendi li strixxa in kontestazzjoni, il-konfini tat-Tramuntana tal-għalqa jiġi li huwa sqaq, 'il fuq, fil-punt fl-intersekazzjoni ta' l-isqaq bla kulur u li strixxa art in kontestazzjoni kulurita bl-isfar. Il-konvenut issolleva d-diffikoltà fis-sens li dan il-konfini, mit-Tramuntana, huwa li sqaq, 'l isfel, fil-punt fl-intersekazzjoni tal-parti ta' isfel ta' l-istess strixxa kulurita fl-isfar u l-għalqa kulurita bl-aħmar; billi l-istess konvenut jissottometti li l-istrixxa kulurita bl-isfar mhix ħlief sqaq kontinwazzjoni ta' dak imsemmi u

ındikat bla kulur fil-pjanta. Però din id-diffikultà tinsab faċilment eleminata mill-mera deskrizzjoni tal-konfini tal-għalqa tal-konvenut fil-kuntratt tat-12 ta' Jannar, 1935, li bih hu akkwista din il-għalqa. Skond il-perit ġudizzjarju, evidentement kif jidher mill-pjanta msemmija, il-għalqa tal-konvenut tinsab konfinata mill-Punent, in parti, ma' l-istrixxa art in kontestazzjoni, u mill-kuntratt tas-sena 1935, li fih naturalment kien parti l-konvenut, li kwindi kien a konjizzjoni ta' dan il-fatt mill-ewwel, il-għalqa ta' dan hija deskritta bħala li hija konfinata mill-Punent ma beni ta' Leonardo Grech, ċioè ma beni tal-familja ta' l-attriċi, billi jinsab pruvat li din Leonarda Grech kienet iz-zija ta' l-attriċi. Minn dan isegwi neċessarjament, inkontrastabilment, u mingħajr ebda ombra ta' dubju illi l-istrixxa art in kwistjoni, kulurita bl-isfar fil-pjanta fol. 39 tal-proċess almenu minn meta l-konvenut akkwista l-għalqa tiegħu kienet, kif tidher li baqgħet u għadha, tifforma parti integrali tal-għalqa posseduta mill-attriċi;

Illi l-konvenut b'ebda mod ma ipprova li għandu xi dritt li jintitolah jidħol fil-għalqa msemmija, jew f'xi parti minnha, u jaħdimha;

Illi għalhekk l-istanza tinsab ġustifikata;

Għal dawn ir-raġunijiet,

Tiddeċiedi billi, wara li tiddikjara li l-għalqa ndikata fiċ-ċitazzjoni li l-attriċi ma' oħrajn tippossjedi tikkomprendi li strixxa art 'il fuq imsemmija, tilqa' d-domanda ta' l-attriċi, bl-ispejjeż kollha tal-kawża kontra l-konvenut.